

Brussell, 27 ta' Frar 2025
(OR. en)

6498/25

SOC 94
EMPL 66
ECOFIN 198
UEM 70

NOTA

minn:	Il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Pjanijiet Fiskali-Strutturali fuq Terminu Medju: Ittra mill-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali - <i>Preżentazzjoni mill-presidenti rispettivi</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża ittra mill-presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar l-aspetti tal-impjiegi u dawk soċjali tal-pjanijiet fiskali u strutturali fuq terminu medju tal-Istati Membri, li għandha tiġi ppreżentata fil-Kunsill (EPSCO) fl-10 ta' Marzu 2025.



Il-Kumitat tal-Impjiegi Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

Il-Presidenti
26 ta' Frar 2025

Sur President, sinjuri Ministri,

F'konformità mar-responsabbiltajiet tagħhom skont is-Semestru Ewropew, wara d-dħul fis-seħħ tar-*Regolament (UE) 2024/1263 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi*, il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) kellhom żewġ skambji ta' fehmiet - fid-9 ta' Diċembru 2024 u fit-23 ta' Jannar 2025 - biex jiddiskutu l-aspetti tal-impjiegi u dawk soċjali tal-*Pjanijiet Fiskali-Strutturali fuq Terminu Medju* l-ġodda ppreżentati s'issa mill-Istati Membri. Fiż-żewġ okkażjonijiet, il-Kumitati kkontribwew ukoll għat-tħejjija tar-rakkomandazzjonijiet relatati tal-Kunsill li japprovaw il-pjanijiet, f'kooperazzjoni mal-*filière* tal-ECOFIN.

Kif tafu, il-pjanijiet jiffurmaw il-pedament tal-qafas ta' governanza ekonomika l-ġdid tal-UE, li jistabbilixxi għal kull Stat Membru l-perkors ta' aġġustament fiskali tiegħu kif ukoll investimenti pubbliċi ta' prijorità u riformi mmirati lejn l-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali u t-trawwim ta' tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli. Matul l-iskambji tagħna, id-delegazzjonijiet mit-22 Stat Membru li kienu ppreżentaw pjan ġew mistiedna: (i.) jenfasizzaw ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-pjan biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-impjiegi, tal-ħiliet u dawk soċjali; (ii.) jispjegaw ir-raġuni għall-inklużjoni tagħhom; u (iii.) jindikaw il-firxa tal-involvement tas-sħab soċjali kemm fit-tħejjija tal-pjanijiet kif ukoll fil-miżuri li fihom. Id-delegazzjonijiet ġew imħeġġa wkoll jippreżentaw mistoqsijiet bil-miktub dwar il-pjanijiet ta' Stati Membri oħra. Il-punti ewlenin ta' dawn id-diskussjonijiet huma kif ġej:

- i. L-ewwel nett, l-EMCO u l-KPS laqgħu l-enfasi qawwija ħafna tal-pjanijiet fuq l-impjiegi u fuq il-qasam soċjali, f'konformità mar-rekwiżit li jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) tal-passat u l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. It-22 pjan kollha ppreżentati s'issa fihom miżuri biex jissaħħu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, l-inċentivi għax-xogħol, u l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet. Dan huwa konsistenti mal-ħtieġa kruċjali li tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni billi jiġu indirizzati l-livelli għoljin ta' nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol b'mod partikolari ta' gruppi sottorappreżentati, u jittejbu b'mod sinifikanti l-eżiti edukattivi u tat-tagħlim għall-adulti. Kważi l-pjanijiet kollha jinkludu wkoll miżuri biex jitnaqqsu r-riskji tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, kif ukoll biex jittejjeb l-aċċess għall-akkomodazzjoni u l-kura tas-saħħa, f'konformità mal-prijoritajiet soċjali identifikati fiċ-ċikli reċenti tas-Semestru Ewropew.
- ii. It-tieni nett, fil-ħames Stati Membri li talbu estensjoni tal-perkors ta' aġġustament fiskali tagħhom, il-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' ġustifikazzjoni jappartjenu għall-mandat tal-*filière* tal-EPSCO. Dawn jinkludu riformi biex tingħata spinta lill-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol (inkluż permezz ta' servizzi mtejbja għall-indukrar tat-tfal), jiġu indirizzati l-ispariġġi fil-ħiliet, u jissaħħu s-sistemi ta' inklużjoni soċjali u ta' protezzjoni soċjali, jew biex tiġi promossa l-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol jew biex jissaħħu s-salvagwardji kontra r-riskji soċjali. F'każijiet bħal dawn, l-inklużjoni ta' dawn il-miżuri kienet motivata mill-

impatt pożittiv mistenni tagħhom fuq it-*tkabbir ekonomiku* u *s-sostenibbiltà fiskali*, b'mod konsistenti mad-diskussjonijiet ta' politika intensi li saru mill-Kumitati tagħna u mill-Kunsill fl-2023 u fl-2024 dwar il-potenzjal tal-politiki ta' investiment soċjali.


- iii. Filwaqt li l-ewwel ċiklu ta' pjanijiet ma kienx jirrikjedi konsultazzjoni obbligatorja mas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra minħabba restrizzjonijiet ta' żmien, il-biċċa l-kbira tal-pjanijiet jindikaw li l-partijiet ikkonċernati kienu involuti fi gradi u formati differenti. Matul l-iskambji tagħna, id-delegazzjonijiet spjegaw li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, is-sħab soċjali ġew ikkonsultati jew dwar abbozz avanzat tal-pjan jew dwar miżuri ewlenin speċifiċi meqjusa partikolarment rilevanti.
- iv. Minħabba d-dimensjonijiet sostanzjali tal-impjiegi u soċjali tal-pjanijiet u s-sinifikat tagħhom fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, l-EMCO u l-KPS appellaw għal involviment aktar b'saħħtu tal-*filière* tal-EPSCO. Il-Kumitati esprimew tħassib li l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-pjanijiet jista' jirriskja li jdgħajjef ir-rilevanza tad-dispożizzjonijiet ibbażati fuq it-Trattat għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali fil-livell tal-UE, jekk il-pjanijiet ma jkunux imfassla f'konformità, fost l-oħrajn, mal-gwida li tħares 'il quddiem maqbula permezz tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi. Biex dan jiġi evitat u biex jiġi żgurat approċċ ta' tfassil ta' politika verament integrat, kemm l-iżvilupp tal-pjanijiet fil-livell nazzjonali kif ukoll l-iskrutinju tagħhom fil-livell tal-UE jeħtieġu kooperazzjoni aktar profonda u strutturata fost il-ministeri u l-*filières* tal-Kunsill. F'dan il-kuntest, l-EMCO u l-KPS iddispjaċihom dwar id-diversità tal-prattiki nazzjonali applikati fil-fażi preparatorja tal-pjanijiet u li l-prattiki tradizzjonali tas-Semestru Ewropew ma ġewx segwiti fit-tħejjija tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill li japprovaw il-pjanijiet.
- v. Fl-aħħar nett, xi delegazzjonijiet qajmu tħassib dwar l-approċċ meħud mill-Kummissjoni biex tippromovi rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill. B'mod partikolari, huma enfasizzaw li l-kamp ta' applikazzjoni limitat għall-emendi tal-Kunsill iqajjem mistoqsijiet dwar is-sjieda tat-testi finali.

Meta nħarsu 'il quddiem, ser ikun essenzjali għall-Istati Membri kollha li ppreżentaw pjan li jirrapportaw b'mod komprensiv dwar l-implimentazzjoni tiegħu permezz tar-Rapporti ta' Progress Annwali mistennija sat-30 ta' April 2025. Dawn ir-rapporti għandhom jinkludu aġġornamenti dwar il-miżuri meħuda biex jiġu implimentati l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u s-CSRs relatati. F'dan il-kuntest, l-EMCO u l-KPS jibqgħu impenjati li jappoġġaw lill-Kunsill fis-sorveljanza multilaterali tal-pjanijiet u t-tħejjija tal-proċedimenti relatati tal-Kunsill, f'konformità mal-mandat tagħhom taħt is-Semestru Ewropew.

Dejjem tagħkom,



Emiliano Rustichelli
President tal-Kumitat tal-Impjiegi



Rute Guerra
President tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali